

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2195

tad-9 ta' Lulju 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għar-rimborż lill-Istati Membri għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-metodi mressqa mill-Istati Membri u vvalutati mill-Kummissjoni, inklużi l-metodi stipulati fl-Artikolu 67(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u l-Artikoli 14(2) u 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013.
- (2) Filwaqt li ġew ikkunsidrati t-tipi differenti ta' operazzjonijiet li l-Fond Soċjali Ewropew jista' jappoġġa, id-definizzjoni u l-ammonti tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għandhom mnejn ikollhom ikunu differenti skont it-tip ta' operazzjoni sabiex jirriflettu l-ispeċifitàt tagħhom.
- (3) Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u, f'ċerti każi, bejn ir-reġjuni fi Stat Membru, rigward il-livell ta' spejjeż għal tip ta' operazzjoni. F'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Fond Soċjali Ewropew, id-definizzjoni u l-ammonti tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa stabbiliti mill-Kummissjoni, għandhom jirriflettu wkoll l-ispeċifitàt ta' kull Stat Membru u reġjun.
- (4) Sabiex l-ammonti tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità jkumu jirriflettu l-livell tal-ispejjeż effettivament imġarrba, qed jiffassal metodu biex jaġġustahom.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tema u l-kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa li jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni biex tiġi rimborżata n-nefqa lill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.)

*Artikolu 2***Tipi ta' operazzjonijiet**

It-tipi ta' operazzjonijiet koperti mir-rimborż abbażi tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 huma stipulati fl-Annessi.

*Artikolu 3***Definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa u l-ammonti tagħhom**

Id-definizzjoni u l-ammonti tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u tas-somom f'daqqa skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 għal kull tip ta' operazzjonijiet huma stipulati fl-Annessi.

*Artikolu 4***Aġġustament tal-ammonti**

1. L-ammonti stipulati fl-Annessi għandhom jiġu aġġustati skont il-metodi stabbiliti fl-Annessi.
2. L-ammonti aġġustati skont il-paragrafu 1 jiġu applikati meta tiġi rimborżata n-nefqa relatata ma' dawk il-partijiet ta' operazzjonijiet li jsiru fid-data tal-aġġustament u warajha.

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità lill-Iżvezja

1. Definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità

Tip ta' operazzjonijiet (1)	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità ta' kejl għal-l-indikatur	Ammonti		
				Il-grupp tal-pagi (SSYK code (3))	Reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f'SEK (4))	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f'SEK)
1. Operazzjonijiet appoġġati taħt l-assi prijoritarju 1 "Provvista ta' ħiliet" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfundsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI- 2014SE05-M9OP001)	Sigħat maħduma	Il-paga tal-membri tal-istaff li jaħdmu fl-operazzjoni	L-għadd ta' sigħat maħduma (2)	1 (912 – 913 -919 -921)	229	234
				2 (414 – 415 – 421 – 422 -512 – 513 – 514 – 515 – 522 – 611 -612 -613 – 614 -826)	257	254
				3 (331 – 348 – 411 – 412 – 413 – 419 – 711 – 712 – 713 – 714 – 721 – 722 – 723 – 724 – 731 – 732 – 734 – 741 – 742 – 743 – 811 – 812 – 813 – 814 – 815 – 816 – 817 – 821 – 822 – 823 -824 – 825 – 827 -828 -829 -831 – 832 – 833 – 834 – 914 – 915 – 931 – 932 – 933)	297	282
				4 (223 – 232 – 233 – 234 – 235 – 243 – 249 – 313 – 322 – 323 – 324 – 332 – 342 – 343 – 344 – 345 – 346 – 347 – 511 – 011)	338	313
				5 (213 – 221 – 231 – 241 – 244 – 245 – 246 – 247 – 248 – 311 – 312 – 315 – 321 – 341)	419	366
				6 (211 – 212 – 214 – 222 – 242 – 314)	554	517

				7 A (121)	739	739
				7 B (111-123)	801	625
				7 C (131-122)	525	429
2. Operazzjonijiet appoġġati taħt l-assi prijoritarju 1 "Provvista ta' hilit" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfundsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020)(CCI-2014SE05-M9OP001)	Is-sigħat ta' parteċipazzjoni fl-operazzjoni	Il-paga tal-parteeċipant	L-għadd ta' sigħat ta' parteċipazzjoni (²)	Reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-ispiża għal kull unità fis-sieġha — ammont f'SEK)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (l-ispiża għal kull unità fis-sieġha — ammont f'SEK)	
				229	234	
3. Operazzjonijiet appoġġati taħt l-assi prijoritarju 2 "Tranżizzjoni akbar lejn ix-xogħol" u l-assi prijoritarju 3 "Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfundsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI-2014SE05-M9OP001)	Sigħat maħduma	Il-paga tal-membri tal-istaff li jaħdmu fl-operazzjoni	L-għadd ta' sigħat maħduma (²)	Il-kategorija ta' xogħol	Ir-reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-ispiża għal kull unità fis-sieġha — ammont f'SEK)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (l-ispiża għal kull unità fis-sieġha — ammont f'SEK)
				Il-kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija 'l fuq minn SEK 20 miljun	535	435
				Il-kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija 'l fuq minn SEK 20 miljun/l-assistent kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija 'l fuq minn SEK 20 miljun)	478	405

				Ħaddiem tal-proġett	331	300		
				Ekonomista tal-proġett	427	363		
				Amministratur	297	270		
4. Operazzjonijiet appoġġati taħt l-assi prijoritarju 2 "Tranżizzjoni akbar lejn ix-xogħol" u l-assi prijoritarju 3 "Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfondsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI- 2014SE05-M9OP001)	Is-sigħat ta' parteċipazzjoni fl-operazzjoni	Il-kumpens tal-parteeipant	L-għadd ta' sigħat ta' parteċipazzjoni (?)	L-assistenza finanzjarja (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)				
				Età			(SEK)	
				18-24 sena			32	
				25-29 sena			40	
				30-64 sena			46	
				Għotja għall-attività u l-kumpens għall-iżvilupp (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)				
				Età			(SEK)	
				15-19 sena			17	
				20-24 sena			33	
				25-29 sena			51	
				30-44 sena			55	
				45-69 sena			68	
				Il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali u tal-mard (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)				
				Età			(SEK)	
19-29 sena (il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali)			51					
30-64 sena (il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali)			58					

Il-benefiċċju tal-mard, il-benefiċċju tar-riabilitazzjoni, u l-benefiċċju għall-korriment professjonali u fuq ix-xogħol (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)				
			Età	(SEK)
			– 19 sena	48
			20-64 sena	68

(¹) L-ammonti tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità għandhom japplikaw biss għall-partijiet tal-operazzjonijiet li jkopru l-kategoriji tal-ispejjeż stabbiliti f'dan l-Anness

(²) L-għadd totali ta' sigħat dikjarati f'sena ma jistax ikun ogħla mill-għadd standard ta' sigħat maħduma fis-sena fl-Iżvezja, li huwa 1 862 siegħa.

(³) Kodiċi professjonali applikabbli fl-Iżvezja.

(⁴) Il-munita fl-Iżvezja.

2. Aġġustamenti tal-ammonti

L-ispejjeż għal kull unità fit-tabella għandhom japplikaw għas-sigħat maħduma jew għas-sigħat ta' parteċipazzjoni fl-2015. Minbarra l-ispejjeż għal kull unità relatati mal-kumpens tal-parteeipant, imsemmija fil-punt 4 tat-tabella, li mhux se jiġu aġġustati, dawn il-valuri għandhom jiżdiedu awtomatikament b'2 % fl-1 ta' Jannar ta' kull sena mill-2016 sal-2023.

—

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità lil Franza

1. Definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Il-kategorija tal-ispejjeż	L-unità ta' kejl għall-indikatur	L-ammonti f'EUR
“Garantie Jeunes” appoġġat taħt l-assi prijoritarju 1 “Accompagner les jeunes NEET vers et dans l'emploi” tal-Programm Operazzjonali “PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER” (CCI-2014FR05M9OP001)	Iż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) ⁽¹⁾ b'riżultat pożittiv taħt “Garantie jeunes” sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tat-taħriġ	<ul style="list-style-type: none"> — il-kumpens imħallas lill-parteċi-pant; — l-ispejjeż ta' attivazzjoni mġarrba mill-“missjonijiet locales” 	<p>L-għadd ta' żgħażaġh NEET li jkollhom wieħed mir-riżultati li ġejjin sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tat-taħriġ:</p> <ul style="list-style-type: none"> — bdew taħriġ f'ħiliet vokazzjonali li jwassal għal ċertifikazzjoni, billi: <ul style="list-style-type: none"> — bdew taħriġ fit-tagħlim tul il-ħajja; jew — daħlu ftahrig bażiku; jew — waqqfu kumpanija; jew — sabu impjieg; jew — għamlu mill-inqas 80 jum ta' xogħol (imħallas jew mhux) f'ambjent professjonali 	3 600

⁽¹⁾ Żaġhżuġh mingħajr impjieg, edukazzjoni jew taħriġ li jipparteċipa f'operazzjoni appoġġata mill-“PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER”

2. Aġġustamenti tal-ammonti

L-iskala standard ta' spejjeż għal kull unità fit-tabella hija bbażata parzjalment fuq skala standard ta' spejjeż għal kull unità ffinanzjata għalkollox minn Franza. Mill-EUR 3 600, EUR 1 600 jikkorrispondu għall-iskala standard ta' spejjeż għal kull unità stabbilita skont l-“instruction ministérielle du 11 octobre 2013 relative à l'expérimentation Garantie Jeunes prise pour l'application du décret 2013-80 du 1^{er} octobre 2013 ainsi que par l'instruction ministérielle du 20 mars 2014” biex ikopru l-ispejjeż imġarrba mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażaġħ “Missions Locales” biex iħarrġu kull żaġhżuġh NEET li jibda l-“Garantie Jeunes”.

L-iskala standard ta' spejjeż għal kull unità definita fit-taqsim 1 għandha tiġi aġġornata mill-Istat Membru f'konformità mal-aġġustamenti taħt ir-regoli nazzjonali taħt l-iskala standard ta' spejjeż għal kull unità ta' EUR 1 600 msemmija fil-paragrafu 1 iktar fuq li tkopri l-ispejjeż li jġarrbu s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażaġħ.